

Brussell, 23 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7165/26
PV CONS 15
SOC 143
EMPL 60
SAN 136
CONSOM 73
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
9 ta' Marzu 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6863/26.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġiżlattiva

6888/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Attivitajiet mhux leġiżlattivi


3. **Konklużjonijiet dwar l-Investment fit-tfal: It-tisħiħ tal-benesseri tat-tfal, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal fl-Unjoni**

 6665/26

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq.

4. **Niksru ċ-Ċiklu tal-Faqar: Niżviluppaw servizzi ta' abilitazzjoni u attivazzjoni ċċentrati fuq il-persuna**

 6343/26

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett ta' hawn fuq, iggwidat min-nota tal-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

5. **Semestru Ewropew 2026**



a) **Aspetti soċjali u dawk relatati mal-impjiegi tar-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**

6172/26

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-aspetti soċjali u marbutin mal-impjiegi tar-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq.

b) **Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026**

6076/26

Adozzjoni


Il-Kunsill adotta r-Rapport imsemmi hawn fuq.

- c) **Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026** 6605/26
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq.

- d) **Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea** 6081/1/26 REV 1
Adozzjoni + ADD 1
6583/26

Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq. L-Ungerija ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.


5. **(kontinwazzjoni) Semestru Ewropew 2026**  6171/26
Mill-innovazzjoni għall-Impjiegi ta' Kwalità: l-użu tal-IA biex jissaħħu l-impjiegi ta' kwalità u d-drittijiet tal-haddiema¹
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett ta' hawn fuq, iggwidat min-nota tal-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

6. **Rieżami tal-Kumitat tal-Impjiegi tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ: messaġġi prinċipali**  6184/26
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

7. a) **Strateġiji Reċenti tal-UE dwar l-Ugwaljanza:** 
- i) **Strateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2026-2030** 6668/26
6832/26
- ii) **Strateġija kontra r-Razziżmu** 5626/26
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- b) **Attivitajiet tal-Presidenza**  6678/26
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

¹ Fil-preżenza ta' Professur tal-Ekonomija u l-Istudji Ewropej fil-London School of Economics u l-Università ta' Ċipru.

- c) **Programmi ta' ħidma tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għall-2026** ☒ 6189/26
6205/26
Informazzjoni mill-presidenti rispettivi

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

- d) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensja imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar ☐☐ 7721/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- e) **Summit Soċjali Tripartitiku** ☒ 6784/26
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

- f) **Proposta biex tiġi pprovduta ċarezza legali dwar l-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-kuntest tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà Ġusta tal-Ħaddiema** ☒ 6783/26
Informazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu u n-Netherlands

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja u l-Lussemburgu.

-
- ☐ L-ewwel qari
☐ Proċedura leġiżlattiva speċjali
☐ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
☒ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjoni għall-punt "B" mhux leġiżlattiv li jinsab fid-dokument 6863/26

**Rigward il-punt
"B" Nru 5d):**

**Semestru Ewropew 2026
Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea
Adozzjoni**

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi l-importanza li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet, b'mod partikolari f'setturi li huma strateġikament importanti għall-ekonomija tal-UE. Għalhekk, l-Ungerija tappoġġa b'mod ġenerali l-oġġettivi tar-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, aħna għandna t-tħassib legali u proċedurali li ġej dwar ir-Rakkomandazzjoni u l-proċess li jwassal għall-adozzjoni tagħha. It-test tar-Rakkomandazzjoni — b'mod partikolari t-taqsima li tistieden lill-Istati Membri — jiffoka b'mod predominanti fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ, minkejja l-bażi legali tagħha (l-Artikolu 148(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea), li tappartjeni għall-politika tal-impjiegi. Filwaqt li l-Ungerija tirrikonoxxi li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma għodod importanti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-impjiegi u tas-suq tax-xogħol, dawn huma oqsma ta' politika differenti mill-impjiegi. L-isfidi u l-elementi ewlenin tar-Rakkomandazzjoni, bħat-tishiġ tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, it-titjib tal-eżiti tal-edukazzjoni terzjarja fis-suġġetti STEM, u l-investment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet, jaqgħu taħt l-Artikolu 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, l-Ungerija mhijiex konvinta li l-kontenut tar-Rakkomandazzjoni jirrifletti bis-sħiħ il-bażi legali tagħha u li l-prinċipju taċ-ċentru tal-gravità jiġġustifika l-għażla tagħha. Fi kwalunkwe każ, aħna nemmnu li minħabba ċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni kellu tal-anqas jiġi diskuss u approvat mill-ministri tal-edukazzjoni kif ukoll qabel l-adozzjoni tiegħu fil-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur.

Barra minn hekk, l-Ungerija ma tappoġġax it-tisħiħ tar-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari minħabba li dawk l-oqsma mhumiex kompletament koperti mill-bażi legali tal-Artikolu 148(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonċerna l-politika tal-impjiegi. L-Ungerija ma taqbilx mal-introduzzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet annwali tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-Semestru Ewropew, abbażi tal-mudell tal-konklużjonijiet annwali dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. Ma kien hemm l-ebda preċedent għal proposta annwali ġdida bħal din u l-liġi tal-UE ma nbidlitx b'mod li jiġġustifikaha. Barra minn hekk, l-edukazzjoni u t-taħriġ diġà huma parti mill-qafas annwali tas-Semestru Ewropew, kif juru r-rapporti tal-pajjiżi u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, li jinkludu l-isfidi annwali u l-progress li sar fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet. B'mod ġenerali, l-Ungerija temmen li l-proċess tas-Semestru Ewropew għandu jiġi ssimplifikat, mhux estiż."
